

Brussell, 14 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13197/22

Fajls Interistituzzjonali:

2022/0293(NLE)
2022/0294(NLE)
2022/0308(NLE)
2022/0309(NLE)
2022/0310(NLE)
2022/0313(NLE)

ECOFIN 964
UEM 242
FIN 1029

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposti għal deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jemendaw id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jagħtu appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Litwanja u l-Portugall biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 - Adozzjoni

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹ (minn hawn 'il quddiem - ir-"Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw, jew huma mhedda serjament minn, tfixkil ekonomiku serju, ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jiproteġu l-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom u, bħala element anċillari, xi miżuri relatati mas-saħħa.

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1-7

2. F'konformità mal-Artikolu 6 (1) tar-Regolament SURE, l-assistenza finanzjarja għandha ssir disponibbli permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill adottata abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.
3. Appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE ngħata lill-**Kroazja** bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1348 fil-25 ta' Settembru 2020; lil **Ċipru** bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1344 tal-25 ta' Settembru 2020 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/680 li temendaha tat-23 ta' April 2021; lir-**Repubblika Ċeka** bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345 tal-25 ta' Settembru 2020; lill-**Greċja** bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1346 tal-25 ta' Settembru 2020 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/679 li temendaha tat-23 ta' April 2021; lil-**Litwanja** bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1350 tal-25 ta' Settembru 2020 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/678 li temendaha tat-23 ta' April 2021; lill-**Portugall** bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1354 tal-25 ta' Settembru 2020. Il-lista ta' miżuri nazzjonali eliġibbli għall-finanzjament skont ir-Regolament SURE fil-Portugall ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/99 tal-25 ta' Jannar 2022.
4. Wara t-talba tal-**Kroazja** tal-25 ta' Lulju 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fl-20 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni UE 2020/1348 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-**Repubblika tal-Kroazja** (ST 12673/22).

5. Wara t-talba ta' **Ċipru** fil-5 ta' Settembru 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fit-28 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1344 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-Repubblika ta' Ċipru (ST 12973/22).
6. Wara t-talba ta' **Ċekja** fit-22 ta' Settembru 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fit-3 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-Repubblika Ċeka (ST 13003/22).
7. Wara t-talba tal-**Greċja** fl-1 ta' Settembru 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fit-28 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-Repubblika Ellenika (ST 12966/22).
8. Wara t-talba tal-**Litwanja** fit-8 ta' Awwissu 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fl-20 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1350 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-Repubblika tal-Litwanja (ST 12676/22).

9. Wara t-talba tal-**Portugall** fis-17 ta' Settembru 2022 għal assistenza finanzjarja addizzjonali skont ir-Regolament SURE, fit-28 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1354 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE lir-Repubblika Portugiża (ST 12964/22).
10. Il-proposti msemmijin hawn fuq ġew eżaminati fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji fil-11 ta' Ottubru 2022 u ġew imbagħad riveduti mill-ġuristi-lingwisti.
11. Il-ħidma preparatorja teknika issa tista' titqies lesta, u l-abbozz ta' testi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kunsill għall-adozzjoni formali.
12. Għandu jiġi nnotat li f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE u mal-Artikolu 18(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, dawn id-deċiżjonijiet tal-Kunsill, ladarba jiġu adottati, għandhom jiġu nnotifikati lill-Istati Membri, li lilhom huma indirizzati, mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jew minn Direttur Ġenerali li jaġixxi f'ismu.
13. Skont l-Artikolu 122(2) TFUE, il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-President tal-Kunsill dwar dawn id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

14. Fil-kuntest ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi tal-proposti msemmija hawn fuq għall-emendar tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, li jinsabu fid-dokumenti elenkati hawn taħt, riveduti mill-ġuristi-lingwisti, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadottahom, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss:

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir- Repubblika tal-Kroazja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19	ST 12701/22
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1344 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir- Repubblika ta' Ċipru biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19	ST 12974/22
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir- Repubblika Ċeka biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19	ST 13032/22
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir- Repubblika Ellenika biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19	ST 12968/22
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1350 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir- Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19	ST 12702/22
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1354 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir- Repubblika Portugiża biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19	ST 12967/22